# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 16 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 5**
**Rikors Guramentat Numru : 287/2019/LSO**

**Publius Farrugia (455448M) u wliedu Joseph Farrugia (330585M) u Charles Farrugia (418188M)**

**vs**

**Guzeppi sive Joseph Farrugia (155852M), u wliedu Marie Farrugia (597183M) u Sharon Farrugia Happi (496878M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Guramentat ta' Publius Farrugia u wliedu Joseph Farrugia u Charles Farrugia datat 15 ta' Marzu 2018 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Joseph Farrugia (330585M) ikkonferma li jaf personalment:

Illi b'kuntratt ta' divizjoni pubblikat min-Nutar Dottor David Joseph Borg fl-14 ta' Novembru 2018, l-esponenti flimkien bejniethom gew assenjati bi proprjeta' shiha l-porzjoni ta' art tal-kejl ta' cirka tlett elef seba' mitt metru kwadru (3700m.k.), jew kejl iehor verjuri, imsemmija 'Ta' Galoppa', b'faccata u access minn Triq in-Nigret, Zurrieq u Triq l-Iskultur Fabri, Zurrieq, konfinanti mit-tramuntana ma' Triq in-Nigret, min-nofsinhar ma' Triq l-Iskultur Fabri, mill-punent ma' proprjeta' tal-konvenut Joseph Farrugia u proprjeta' ta' terzi, soggetta ghal piz piju perpetwu ta' quddies, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

Illi bis-sahha tal-istess att, il-konvenut Joseph Farrugia ddikjara li kellu immedjatament jivvaka minn din il-proprjeta' li kien jokkupa qabel il-qasma, u ggarantixxa favur l-esponenti l-pussess vakanti taghha. Inoltre, huwa rrinunzja ghal kwalunkwe titolu li seta' kellu fuqha, u ghal kull pussess jew mobbli li seta' kien ghad fadallu f'din il-proprjeta'.

Illi minkejja dan, sal-lum il-konvenut, flimkien mal-konvenuti wliedu, ghadhom qed jokkupaw, arbitrarjament u minghajr ebda jedd legali, kontra r-rieda tal-esponenti, il-porzjoni art fuq imsemmija fiz-Zurrieq, assenjata lill-esponenti kif spjegat.

Illi l-esponenti talbu diversi drabi lill-konvenut Joseph Farrugia biex jivvaka minn din l-art, u jirrilaxxjaha battala favur taghhom, pero' sal-lum baqa' jokkupaha b'ucuh, annimali u hwejjeg ohra tieghu, filwaqt li ghad ghandu meter tal-ilma imwahhal fl-istess proprjeta'.

Illi minhabba f’ hekk kellha ssir din il-kawza.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi sa fejn jafu l-esponenti, il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tal-esponenti ghall-izgumbrament tieghu minn din l-art.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex immedjatament jivvakaw mill-porzjoni ta' art fuq imsemmija, tal-kejl ta' cirka tlett elef seba' mitt metru kwadru (3700m.k.), jew kejl iehor verjuri, imsemmija 'Ta' Galoppa', b'faccata u access minn Triq in-Nigret, Zurrieq u Triq l-Iskultur Fabri, Zurrieq, konfinanti mit-tramuntana ma' Triq in-Nigret, min-nofsinhar ma' Triq l-Iskultur Fabri, mill-punent ma' proprjeta' tal-konvenut u proprjeta' ta' terzi, soggetta ghal piz piju perpetwu ta' quddies, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u jirrilaxxjawha battala u f' kundizzjoni tajba favur l-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' April 2019 b'ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-guranta u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 16 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi li taw ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smigh, assistiti minn Dr Phyllis Aquilina.

Dehru l-intimati Guzeppi Farrugia u Sharon Farrugia Happi, assistiti minn Dr Charmiane Charrett.

Dr Aquilina prezentat u qrat nota ta' cessjoni fil-konfront ta' Marie Farrugia.

Dr Charmaine Charrett ghan-nom tal-intimata Sharon Farrugia Happi ddikjarat li m'ghandha l-ebda rabta mal-fond mertu ta' dawn il-proceduri.

Dr Aquilina ddikjarat li r-rikorrenti ghandhom interess li jinsistu fuq it-talba taghhom kontra l-intimata Sharon Farrugia Happi, peress li mir-Registru Elettorali tidher li hi tabita f'dar li ghandha access dirett ghal fuq l-ghalqa in kwistjoni.

Il-partijiet qablu li l-intimati ghandhom jivvakaw il-fond sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2019 u jirrillaxxaw il-fond f'idejn ir-rikorrenti bil-pussess vakanti.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, u rat dak ivverbalizzat f'din is-seduta;

Wara li rat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota ta' cessjoni fil-konfront ta' Marie Farrugia;

Wara li rat l-artikoli 167 *et sequence* tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat li *in visto* ta' dak kollu premess, it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt;

Ghaldaqstant, filwaqt li tillibera lil Marie Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti kontra l-intimati, u ghal fini tat-tieni (2) talba tordna lill-intimati biex jizgumbraw mill-fond in mertu u jirrillaxxaw il-fond f'idejn ir-rikorrenti bil-pussess vakanti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2019, liema terminu huwa iffissat perentorjament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mill-intimati.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' April 2019**